# KUNSILL LOKALI MOSTA

Minuti tal-Laqgħa Nru.11 tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 30 t'Ottubru, 2007, fid-8:45 p.m.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Dr. P. Chetcuti Caruana M.D. |
| Il-Kunsillieri | Sur. J. Demartino<br>Sur M. Sammut<br>Sur P. Agius<br>Dr. S. Farrugia M.D.<br>Ms M.Mifsud<br>Ms N. Fenech Adami<br>Ms K. Fenech |
| **Uffiċċjal** | |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Mr. Joseph C. Azzopardi |

**Aġenda**

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv;
5. Proposti dwar ir-Riforma fil-Ġbir ta' Skart;
6. Kummenti u Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru.10 kienu ċirkolati u meħuda bħala moqrija.

Is-Sindku ressaq il-Minuti għal approvazzjoni. Peress li ma kienx hemm rimarki, il-Minuti kienu approvati wara li ssekonda l-proposta tas-Sindku, s-Sur Demartino.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

2.1 Is-Sindku nforma li l-ftehim mal-M.E.P.A. dwar fondi għal Proġetti fi Triq l-Isperanza u Triq il-Parroċċa ( item 4ċ) ġie iffirmat. It-Tabib Chetcuti Caruana iċċirkola kopja tal-ftehim waqt il-laqgħa lill-kunsillieri għal informazzjoni.

2.2 Dwar il-preżentazzjoni ta' " *Recognition Award*" lill-Miss Mosta, ( item 4e), is-Sindku nforma li dan ingħatalha waqt attivita' soċjali li saret mill-GM Productions.

2.3 Dwar il-ħruġ ta' l-Offerta mill-ġdid tal-latrina għal Persuni b'Diżabilita' ( item 5), it-Tabib Chetcuti Caruana qal li l-avviż intbagħat għal Gazetta tal-Gvern.

3. **Korrispondenza**

Il-Kunsill ġie nfurmat li waslu ittri mingħand :-

i) Il-Kap ta' l-Iskola Primarja 'Carmela Sammut' biex isir traqqiegħ fi Triq Sir A. Mercieca u Wied is-Sir minħabba li diversi tfal qed jaqgħu. Talbu wkoll servizz ta' warden fil-ħin tad-dħul/ħruġ ta' tfal tal-kinder.
Dwar servizz tal-gwardjani s-Sindku qal li se jara jistax ikun qed jingħata mill-istess persuna li tkun filgħodu f'inħawi oħra tal-Mosta. Dan biex ma tikbirx l-ispiża tal-Kunsill.
It-tabib Chectcuti Caruana qal li dwar traqqiegħ, dan jista' jsir, minkejja li s-sitwazzjoni finanzjarja mhux pjaċevoli. Is-Sur Demartino qal li fl-inħawi ta' l-Iskola hemm ħtieġa għal stat ta' toroq aħjar.
Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jirranġa t-toroq indikati.

ii) Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Onor. Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent stieden lill-membri tal-Kunsill għall-ftuħ ta' l-estensjoni tal-Park Nazzjonali Ta' Qali fit-3 ta' Novembru li ġej.

iii) Programm ta' l-attivitajiet ta' Jum il-Qalbiena Mostin, li se jsir fit-18 ta' Novembru, 2007.

iv) Mingħand l-A.D.T. dwar parkeġġ riżervat li ġie approvat fi Triq il-Ħarifa.

v) Mingħand il-M.E.P.A. fejn għarrfet li fl-interess ta' ippjanar sew, isiru bidliet fil-kundizzjonijiet f'ċerti żoni. Ref 0088/07 u 0089/07 jirreferu għal bidliet li ġew indikati għal Triq il-Mitjar Ta' Qali, Triq San Pawl tal-Qliegħa, u Triq it-Tengħud tax-Xagħri fil-Mosta.

vi) Is-Sindku qal li s-sotto kumitat taż-żona Santa Margerita iddiskuta d-diversi bżonnijiet fl-inħawi. Hu elenka x'uħud mit-talbiet u ħtiġijiet li ġew elenkati. Dwar Triq il-Midbaħ, Dr. Chetcuti Caruana qal li diversi residenti kitbu biex din issir f'direzzjoni waħda il-ġewwa.
Il-kunsillier Demartino qal li din it-talba kienet diġa' ġiet diskussa u maqbula fil-Kunsill ta' qabel u għalhekk ma jarax għaliex ir-residenti m'għandhomx ikunu akkomodati.
Il-proposta tas-Sindku li ssir "*one way*" ġiet approvata unanimament. Il-kumplament tat-talbiet tal-Kumitat se jkunu diskussi f'Aġenda oħra.

vii) Is-Sindku qal li għamel talba lill-*Heritage Malta* biex jagħmlu għad-dispożizzjoni tal-Kunsill 8 kanni biex jitpoġġew f'postijiet strateġiċi fil-Mosta minflok jitħallew mwarrba u jissaddu fil-fortizza. Il-Kunsill qabel.

viii) Is-Sindku qal li kellu talba għal permess biex isir riċeviment ta' tieġ fi Ġnien pubbliku fil-Mosta. Il-membri tal-Kunsill, waqt li ma kellhomx oġġezzjoni per se għal talbiet bħal din, ġibdu l-attenzjoni li min jagħmel tali talbiet irid jiddikjara ( jew jagħmel depożitu) li jżomm il-post nadif wara l-attivita', jħallas lill-Awtoritajiet l-permessi neċessarji u wkoll jagħmel donazzjoni lill-Kunsill.

ix) Is-Sindku qal li kien se jikteb biex issir talba għal '*dog toilet*' fil-Qasam Ta' Mlit. Jekk dan l-esperiment jirnexxi jsiru oħrajn f'oqsma oħra ta' djar u ġonna. Hu jittama li jonqos il-ħmieġ tal-klieb minn fuq il-bankini. Il-Kunsill qabel.

x) It-tabib Chetcuti Caruana qal li l-Kunsillier Agius ġab tliet kwotazzjonijiet biex issir mill-ġdid rħama li tkissret u li kienet fi Ġnien R. Cilia. Il-Kunsill ta' l-approvazzjoni li ssir waħda li ma teċċedix is-Lm 60.

*Fid-9:15 p.m. il-Kunsillier N. Fenech Adami kienet skużata mill-Laqgħa.*

## 4. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

Is-Segretarju Proviżorju nforma lill-Kunsill li saru l-intervisiti għal kariga vakanti u qara r-rapport ( Appendiċi 'A') tal-Bord ta' l-għażla.

Wara l-qari tar-rapport, it-tabib Chetcuti Caruana qal li s-Sur Camilleri deher li kien l-aktar matur u idoneju għal kariga. Hu ppropona li s-suġġeriment tal-Bord ikun milqugħ.

Is-Sur Demartino qal li s-Sur Camilleri deher bħala l-aktar kandidat serju, b'esperjenza u maturita' biex jimla' l-kariga, u kien qed jissekonda n-nomina tiegħu.

Meta s-Sindku ressaq in-nomina tas-Sur Camilleri, il-Kunsill approvaħ unanimament.

## 5. Proposti dwar ir-Riformi fil-Ġbir ta' Skart

Is-Sindku qal li kienet tħejjiet karta għad-diskussjoni f'Lulju li għadda dwar proposti għar-riforma fil-mekkaniżmu għal ġbir ta' l-iskart.

It-tabib Chetcuti Caruana qal li dan id-dokument li tħejja mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent ġie ċirkolat ma' l-Aġenda lill-Kunsilliera u xtaq ir-reazzjoni tagħhom dwar dan.

Dr. Farrugia qalet li mhux kulħadd għandu fejn jista' jżomm l-iskart ġewwa għal xi ġranet jew tul ta' żmien. Hi ħadet l-okkażjoni biex irrimarkat li pjattaforma li saret fi Ġnien Grognet de Vasse fi Triq il-Poeta tħalliet fil-post minkejja li l-*'bring-in-sites'* ma sarux. Talbet li jsir kuntatt mal-Wasteserv biex titneħħa.

Is-Sindku qal li s-separazzjoni mhux faċli isir kif qed ikun propost u kieku l-*'bring-in-sites'* jintużaw tajjeb jsolvu ħafna problemi imma sakemm jibqgħu bla *camera* fuqhom se jibqa l-abbuż ta' rimi bl-addoċċ u abbussiv.

Il-Kunsill qabel li dawn il-preokkupazzjonijiet jinġiebu għal attenzjoni tal-Wasteserv.

**6. <u>Kummenti u Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

6.1 Is-Sindku qal li kellu kwotazzjonijiet għal tiżjin f'xi toroq Mostin fil-Milied u l-organizzaturi jistennew sussidju mill-Kunsill.

Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill ma joħroġx aktar minn 50% ta' l-ispiża u li l-Kunsilliera Kirby Fenech, Joe Demartino u Mario Sammut jagħmlu kuntatt ma' sidien ta' stabbilimenti fit-toroq rispettivi biex il-mixgħela tkun organizzata u possibilment jagħmlu Kumitat li jorganizza d-dawl fit-toroq fil-jiem tal-Milied.

6.2 It-Tabib Chetcuti Caruana qal li jixtieq ikollu l-approvazzjoni mill-Kunsill ħalli jħejji pjanti għal tisbieħ ambjentali u ħolqien ta' ċentru sportiv/Ġnien fl-inħawi ta' Santa Margerita li jkun sponsorjat mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta', għax il-qasam in kwistjoni bħala kostruzzjoni jaqa' fid-dekasteru tagħha.

Il-Kunsill qabel.

6.3 Il-Kunsillier Demartino qal li f'Novembru se ssir il-kawża dwar it-territorju tal-Bidnija li parti hi mal-Mosta u parti oħra ikbar ma' San Pawl il-Baħar. Fil-passat il-Kunsill kien talab li l-villaġġ għandu jkun anness kollu mal-Mosta. Talab li l-kawża tkun miġġielda.

Is-Sindku qal li hu u s-Segretarju kienu kjamati għal kawża u se jattendu.

**7. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fl-10:10 p.m., aġġorna l-laqgħa sine die peress li l-Aġenda kienet eżawrita.

**Dr. P. Chetcuti Caruana**
Sindku

**Joseph C. Azzopardi**
A/Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati :- 3 ta' ~~Novembru~~ Diċembru, 2007.</u>**